NORTH MACEDONIA

Vjaġġ mill-isbaħ fil-Maċedonja, bejn il-belt storika ta’ Skopje, il-ġmiel tal-Lag Ohrid u xenarji naturali spettakolari.

24 - 30 ta’ Marzu 2027



L-Erbgħa 24 ta’ Marzu - Skopje

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta fis-18.00 għat-titjira diretta tal-Wizz Air W6 7766 lejn Skopje, li titlaq fit-20.35. Naslu fl-22.15 u minn hemm nitilqu bil-kowċ lejn il-Best Western Turist 3*+, fejn issir is-sistemazzjoni tal-kmamar.

Il-Ħamis 25 ta’ Marzu - Skopje u l-Muntanja Vodno

Wara l-breakfast nibdew l-eskursjoni tagħna fil-belt kapitali, Skopje. Matul iż-żjara tagħna ngawdu taħlita interessanti ta’ bini modern, monumenti u toroq antiki. Naraw il-pjazza prinċipali u l-Pont tal-Ġebel li jgħaqqad il-parti moderna mal-parti l-antika tal-belt. Nimxu wkoll fl-inħawi tal-Bażar l-Antik, bit-toroq dojoq, il-ħwienet tradizzjonali u l-atmosfera karatteristika tiegħu. Wara nkomplu lejn il-Millennium Cross fuq il-Muntanja Vodno, fejn nitilgħu bil-cable car **(mhux inkluża)** biex ngawdu veduti panoramiċi ta’ Skopje u l-madwar. Inkomplu bi żjara fil-Villaġġ Maċedonjan, fejn napprezzaw l-arkitettura tradizzjonali tal-pajjiż. Nirritornaw lejn il-hotel għaċ-ċena.

Il-Ġimgħa 26 ta’ Marzu - Matka, Mavrovo, Struga u Ohrid

Wara l-breakfast u ċ-check-out, nitilqu minn Skopje lejn Ohrid. L-ewwel waqfa tagħna tkun fil-Canyon ta’ Matka, post mill-isbaħ fejn l-ilma u l-irdumijiet joħolqu xenarju spettakolari. Wara nkomplu lejn l-inħawi ta’ Mavrovo, fejn ngawdu l-pajsaġġi muntanjużi u l-ġmiel naturali ta’ din iż-żona. Il-vjaġġ tagħna jeħodna wkoll lejn Struga, fejn ikollna ħin għal mixja qasira u biex ngawdu l-atmosfera ta’ din il-belt qrib il-Lag Ohrid. Aktar tard naslu Ohrid u mmorru fil-Hotel Nova Riviera, fejn issir is-sistemazzjoni tal-kmamar. Ċena fil-hotel.

Is-Sibt 27 ta’ Marzu - Ohrid

Breakfast u eskursjoni fil-belt pittoreska ta’ Ohrid. Nimxu fit-toroq tal-parti l-antika, fejn id-djar tradizzjonali, il-knejjes storiċi u l-veduti tal-lag jagħtu lil din il-belt karattru speċjali. Matul iż-żjara tagħna napprezzaw il-wirt storiku u kulturali ta’ Ohrid u ngawdu l-atmosfera sabiħa tagħha. Min jixtieq jidħol fil-knejjes jew fil-monumenti li jżur il-grupp, l-entraturi **mhumiex inklużi**. Ikollna wkoll boat trip fuq il-Lag Ohrid **(mhux inkluża)**, li tagħtina l-opportunità naraw il-belt u x-xtut tagħha minn perspettiva differenti. Wara jkollna ħin liberu biex inkomplu ngawdu ċ-ċentru. Ċena fil-hotel.

NORTH MACEDONIA

Il-Ħadd 28 ta’ Marzu - Bay of Bones u San Naum

Breakfast u ħin liberu biex ingawdu Ohrid bil-kwiet. Min jixtieq ikun jista’ jżur il-knisja li tinsab madwar għaxar minuti mixi mill-hotel. Wara nofsinhar nitilqu għal eskursjoni tul ix-xtut tal-lag lejn il-Bay of Bones **(entratura mhux inkluża)**, fejn naraw ir-rikostruzzjoni ta’ abitazzjoni antika mibnija fuq pjattaformi fuq l-ilma. Inkomplu lejn il-Monasteru ta’ San Naum, fejn l-entratura fil-knisja **mhijiex inkluża**, f’ambjent naturali mill-isbaħ qrib il-lag. Ikollna ħin biex ngawdu l-inħawi u l-veduti sbieħ ta’ dan il-post. Filgħaxija ngawdu ċena tradizzjonali Maċedonjana akkumpanjata minn divertiment folkloristiku.

It-Tnejn 29 ta’ Marzu - Bitola

Wara l-breakfast nitilqu għal eskursjoni ta’ ġurnata sħiħa lejn Bitola, belt magħrufa għall-istorja, il-kultura u l-bini eleganti tagħha. Matul iż-żjara tagħna ngawdu mixja fiċ-ċentru u tul Širok Sokak, it-triq pedonali ewlenija, b’ħafna kafetteriji, ħwienet u faċċati sbieħ. Nammiraw l-atmosfera ta’ din il-belt u jkollna ħin liberu għall-ikel u x-xiri. Ċena fil-hotel.

It-Tlieta 30 ta’ Marzu - Skopje u Malta

Wara l-breakfast u ċ-check-out, fit-08.00 nitilqu minn Ohrid lejn l-Ajruport ta’ Skopje għat-titjira diretta tal-Wizz Air W6 7765, li titlaq fis-13.00 u tasal Malta fl-14.45.





PREZZ KULL PERSUNA

Eskursjonijiet, Half Board u Taxxi Inklużi

	Prezz Skontat
Kamra ta’ tliet persuni	**€950**
Kamra ta’ żewġ persuni	**€950**
Kamra ta’ persuna waħedha	**€1070**
Tfal sa 11-il sena f’kamra ma’ żewġ adulti	**€830**

Il-prezz jinkludi:
Titjiriet diretti mal-Wizz Air
Bagalja ta’ 20kg u basket żgħir taħt is-seat
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
2 iljieli Skopje u 4 iljieli Ohrid
Buffet breakfast kuljum
Ċena skont il-programm
Taxxi tal-ajruport · Tour leader
Insolvency Fund Protection

Il-prezz ma jinkludix:
City tax
Kull tip ta’ entratura, cable cars, boat trips, trains eċċ.

NOTA: Jista’ jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.